

Linji Gwida



Linji gwida 1/2018 dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-identifikazzjoni ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 42 u 43 tar-Regolament

Verżjoni 3.0

L-4 ta' Ġunju 2019

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 3.0	L-4 ta' Ġunju 2019	Inklużjoni tal-Anness 2 (il-verżjoni 2.0 tal-Anness 2, adottata fl-4 ta' Ġunju 2019 wara konsultazzjoni pubblika)
Verżjoni 2.1	Id-9 ta' April 2019	L-adozzjoni ta' rettifika fil-Linji Gwida (il-paragrafu 45)
Verżjoni 2.0	It-23 ta' Jannar 2019	L-adozzjoni tal-Linji Gwida wara konsultazzjoni pubblika - fl-istess data, l-Anness 2 (il-verżjoni 1.0) kien adottat għall-konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	Il-25 ta' Mejju 2018	L-adozzjoni tal-Linji Gwida għall-konsultazzjoni pubblika

Werrej

1	Introduzzjoni.....	5
1.1	Kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida	6
1.2	L-għan taċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR.....	7
1.3	Kunċetti ewlenin.....	8
1.3.1	Interpretazzjoni ta' "ċertifikazzjoni"	8
1.3.2	Mekkaniżmi, siġilli u marki ta' ċertifikazzjoni	8
2	Ir-rwol tal-awtoritajiet superviżorji	9
2.1	Awtorità Superviżorja bħala korp taċ-ċertifikazzjoni	10
2.2	Aktar kompiti tal-Awtorità Superviżorja dwar iċ-ċertifikazzjoni	10
3	Ir-rwol ta' korp taċ-ċertifikazzjoni	11
4	L-approvazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni	12
4.1	Approvazzjoni tal-kriterji mill-awtorità superviżorja kompetenti.....	12
4.2	Approvazzjoni tal-kriterji mill-EDPB għas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	13
4.2.1	Applikazzjoni għall-approvazzjoni	13
4.2.2	Il-kriterji tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	13
4.2.3	Ir-rwol tal-akkreditazzjoni	15
5	L-iżvilupp tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni	15
5.1	X'jista' jiġi ċċertifikat skont il-GDPR?.....	16
5.2	Id-determinazzjoni tal-għan taċ-ċertifikazzjoni.....	17
5.3	Metodi ta' evalwazzjoni u metodoloġija ta' valutazzjoni.....	19
5.4	Dokumentazzjoni tal-valutazzjoni	19
5.5	Dokumentazzjoni tar-riżultati.....	20
6	Gwida għad-definizzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni.....	21
6.1	Standards eżistenti	21
6.2	Id-definizzjoni tal-kriterji	22
6.3	Il-perjodu tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni.....	22
	Anness 1: Kompiti u setgħat tal-awtoritajiet superviżorji b'rabta maċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR..	24
	Anness 2	25
1	Introduzzjoni.....	25
2	Kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-mira ta' evalwazzjoni (ToE)	25
3	Rekwiżiti ġenerali	26
4	Operazzjoni ta' pproċessar, l-Artikolu 42(1).....	26
5	Legalità tal-ipproċessar	27
6	Prinċipji, l-Artikolu 5	27

7	Obbligi ġenerali tal-kontrolluri u tal-proċessuri	27
8	Drittijiet tas-suġġetti tad- <i>data</i>	28
9	Riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi	28
10	Miżuri tekniċi u organizzattivi li jggarantixxu l-protezzjoni.....	28
11	Karatteristiċi speċjali favorevoli oħra għall-protezzjoni tad- <i>data</i>	29
12	Kriterji sabiex tintwera l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa għat-trasferiment ta' <i>data</i> personali 29	
13	Kriterji addizzjonali għal Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad- <i>Data</i>	30
14	Evalwazzjoni ġenerali tal-kriterji	30

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70(1e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-linji gwida li seħħet bejn it-30 ta' Mejju 2018 u t-12 ta' Lulju 2018, u dwar l-Anness 2, li seħħet bejn il-15 ta' Frar u d-29 ta' Marzu 2019, skont l-Artikolu 70(4) tal-GDPR

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

1 INTRODUZZJONI

1. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (Regolament 2016/279, "il-GDPR", jew "ir-Regolament"), jipprovdi qafas ta' responsabbiltà modernizzata u li jikkonforma mad-drittijiet fundamentali għall-protezzjoni tad-data fl-Ewropa. Firxa ta' miżuri li jiffaċilitaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-GDPR huma ċentrali għal dan il-qafas ġdid. Dawn jinkludu rekwiżiti obbligatorji f'ċirkostanzi speċifiċi (inkluż il-ħatra ta' Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data u t-tweqqif ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-Data) u miżuri volontarji bħal kodiċi ta' kondotta u mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni.
2. Qabel l-adozzjoni tal-GDPR, il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 stabbilixxa li ċ-ċertifikazzjoni jista' jkollha rwol importanti fil-qafas ta' responsabbiltà għall-protezzjoni tad-Data.¹ Sabiex iċ-ċertifikazzjoni tipprovdi evidenza affidabbli tal-konformità mal-protezzjoni tad-Data, jenħteġ li jiġu stabbiliti regoli ċari li jispeċifikaw ir-rekwiżiti għall-provediment ta' ċertifikazzjoni.² L-Artikolu 42 tal-GDPR jipprovdi l-bażi legali għall-iżvilupp ta' tali regoli.
3. L-Artikolu 42(1) tal-GDPR jipprevedi li:

“L-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord [Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data] u l-Kummissjoni għandhom jinkoraġġixxu, b'mod partikolari fil-livell tal-Unjoni, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni ta' protezzjoni tad-*data* u ta' siġilli u marki tal-protezzjoni tad-*data*, bil-għan li juru l-konformità ma' dan ir-Regolament ta' attivitajiet ta' pproċessar mill-

¹ Il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29, l-Opinjoni 3/2010 dwar il-prinċipju ta' responsabbiltà, WP173, it-13 ta' Lulju 2010, il-paragrafi 69-71.

² Il-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29, l-Opinjoni 3/2010 dwar il-prinċipju ta' responsabbiltà (WP173), il-paragrafu 69.

kontrolluri u mill-proċessuri. Għandu jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju".

4. Il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni³ jistgħu jtejbu t-trasparenza għas-suġġetti tad-*data*, iżda wkoll f'relazzjonijiet bejn l-impriżi, pereżempju bejn il-kontrolluri u l-proċessuri. Il-premessa 100 tal-GDPR tistipula li l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jista' jtejjeb it-trasparenza u l-konformità mar-Regolament u jippermetti li s-suġġetti tad-*data* jivvalutaw il-livell ta' protezzjoni tad-*data* ta' prodotti u servizzi rilevanti.⁴
5. Il-GDPR ma jintroduċix id-dritt għal ċertifikazzjoni jew l-obbligu tagħha għall-kontrolluri u għall-proċessuri; skont l-Artikolu 42(3), iċ-ċertifikazzjoni hija proċess volontarju li jikkontribwixxi biex juri konformità mal-GDPR. L-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji huma mitluba jhegħu l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u se jiddeterminaw l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess ta' ċertifikazzjoni u fiċ-ċiklu tal-ħajja.
6. Barra minn hekk, l-aderenza ma' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni approvati hija fattur li l-awtoritajiet superviżorji jridu iqisu bħala fattur aggravanti jew mitiganti meta jiddeċiedu jekk għandix tiġi imposta multa amministrattiva u meta jiddeċiedu l-ammont tal-multa (Artikolu 83.2(j)).⁵

1.1 Kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida

7. Dawn il-linji gwida huma limitati fil-kamp ta' applikazzjoni; ma humiex manwali proċedurali għal ċertifikazzjoni f'konformità mal-GDPR. L-għan primarju ta' dawn il-linji gwida huwa li jiġu identifikati r-rekwiżiti u l-kriterji ġenerali li jistgħu jkunu rilevanti għal kull tip ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni maħruġ skont l-Artikoli 42 u 43 tal-GDPR. Għal dan il-għan, il-linji gwida:
 -) jesploraw ir-raġunament għaċ-ċertifikazzjoni bħala għodda ta' responsabbiltà;
 -) jispjegaw il-kunċetti ewlenin tad-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni fl-Artikoli 42 u 43; u
 -) jispjegaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' dak li jista' jiġi ċċertifikat skont l-Artikoli 42 u 43 u l-għan taċ-ċertifikazzjoni;
 -) jiffaċilitaw li l-eżitu taċ-ċertifikazzjoni jkun sinifikanti, mhux ambigwu, kemm jista' jkun riproduċibbli u komparabbli irrispettivament miċ-ċertifikatur (il-komparabbiltà).
8. Il-GDPR jippermetti għadd ta' modi biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji jimplimentaw l-Artikoli 42 u 43. Il-linji gwida jipprovdu pariri dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Artikoli 42 u 43 u se jgħinu lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet superviżorji u lill-korpi nazzjonali ta' akkreditament jistabbilixxu approċċ aktar

³ Dawn il-linji gwida se jirreferu għall-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u s-siġilli u l-marki tal-protezzjoni tad-*data* b'mod kollettiv bħala "mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni", ara t-taqsima 1.3.2.

⁴ Il-premessa 100 tiddikjara li jenħtieġ li jiġi mhegħegħ l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni sabiex "jittejjeb t-trasparenza u l-konformità mar-Regolament, sabiex jippermettu lis-suġġetti tad-*data* li jivvalutaw rapidament il-livell ta' protezzjoni tad-*data* ta' prodotti u servizzi rilevanti".

⁵ Ara l-Linji gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar l-applikazzjoni u l-istabbiliment ta' multi amministrattivi għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (WP 253).

konsistenti u armonizzat għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni skont il-GDPR.

9. Il-pariri li hemm fil-linji gwida se jkunu rilevanti għal:

- ⌋ l-awtoritajiet superviżorji kompetenti u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("l-EDPB") meta japprovaw kriterji taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(5), l-Artikolu 58(3)(f) u l-Artikolu 70(1)(o);
- ⌋ il-korpi taċ-ċertifikazzjoni meta jabbozzaw u jirrevedu l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni qabel is-sottomissjoni lill-awtorità superviżorja kompetenti għal approvazzjoni skont l-Artikolu 42(5);
- ⌋ l-EDPB meta japprova Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data skont l-Artikoli 42(5) u 70(1)(o);
- ⌋ l-awtoritajiet superviżorji, meta jabbozzaw il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni tagħhom stess;
- ⌋ il-Kummissjoni Ewropea, li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għall-fini li tispeċifika r-rekwiżiti li għandhom jitqiesu għall-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(8);
- ⌋ l-EDPB meta jipprovi opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 70(1)(q) u l-Artikolu 43(8);
- ⌋ il-korpi nazzjonali ta' akkreditament, li se jkollhom bżonn iqisu l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni bil-ħsieb tal-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni skont EN-ISO/IEC 17065/2012 u r-rekwiżiti addizzjonali skont l-Artikolu 43; u
- ⌋ l-kontrolluri u l-proċessuri meta jiddefinixxu l-istrateġija ta' konformità mal-GDPR tagħhom stess u jqisu ċ-ċertifikazzjoni bħala mezz biex tintwera konformità.

10. L-EDPB se jippubblika linji gwida separati biex jindirizza l-identifikazzjoni ta' kriterji sabiex il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jiġu approvati bħala għodod ta' trasferiment lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali skont l-Artikolu 42(2).

1.2 L-għan taċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR

11. L-Artikolu 42(1) jipprevedi li l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni għandhom jiġu stabbiliti "bil-għan li juru l-konformità ma' dan ir-Regolament ta' attivitajiet ta' pproċessar mill-kontrolluri u mill-proċessuri".
12. Il-GDPR jagħti eżempju tal-kuntest li fih il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni approvati jistgħu jintużaw bħala element biex juru konformità mal-obbligi tal-kontrolluri u tal-proċessuri fir-rigward ta':
- ⌋ l-implimentazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa kif imsemmija fl-Artikoli 24(1),(3), 25, u 32(1), (3);

) garanziji suffiċjenti (il-proċessur lill-kontrollur) kif imsemmi fil-paragrafi 1 u (is-sottoproċessur lill-proċessur) 4 tal-Artikolu 28(5).

13. Peress li fiha nfisha ċ-ċertifikazzjoni ma tagħtix prova tal-konformità iżda pjuttost tiffirma element li jista' jintuża biex tintwera konformità, din jenħtiegħ li tiġi prodotta b'mod trasparenti. Id-dimostrazzjoni tal-konformità tirrikjedi dokumentazzjoni ta' sostenn, speċifikament rapporti bil-miktub li mhux biss jirrepetu iżda jiddeskrivu kif jintlaħqu l-kriterji u jekk dawn ma jintlaħqux mill-bidu, jiddeskrivu l-korrezzjonijiet u l-azzjonijiet korrettivi u l-adegwatezza tagħhom, b'hekk jiġu pprovduti r-raġunijiet għall-għoti u ż-żamma ta' ċertifikazzjoni. Din tinkludi d-deskrizzjoni tad-deċiżjoni individwali għall-għoti, it-tiġdid, jew l-irtirar ta' ċertifikat. Din jenħtiegħ li tipprovdi r-raġunijiet, l-argumenti, u l-provi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-kriterji u l-konklużjonijiet, id-deċiżjonijiet, jew l-inferenzi minn fatti jew premessi miġbura waqt iċ-ċertifikazzjoni.

1.3 Kunċetti ewlenin

14. It-taqsimu li jmiss tesplora l-kunċetti ewlenin fl-Artikoli 42 u 43. Din l-analiżi tiżviluppa fehim tat-termini bażiċi u l-kamp ta' applikazzjoni ta' ċertifikazzjoni skont il-GDPR.

1.3.1 Interpretazzjoni ta' "ċertifikazzjoni"

15. Il-GDPR ma jiddefinixxi "ċertifikazzjoni". L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) tipprovdi definizzjoni universali ta' ċertifikazzjoni bħala "l-għoti ta' aċċertament bil-miktub (b'ċertifikat) minn korp indipendenti li l-prodott, is-servizz jew is-sistema inkwistjoni jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi." Iċ-ċertifikazzjoni hija magħrufa wkoll bħala "valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza" u l-korpi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jissejġu wkoll "korpi ta' valutazzjoni tal-konformità" (CAB). FI-EN-ISO/IEC 17000:2004 - il-Valutazzjoni tal-konformità -- Vokabolarju u prinċipji ġenerali (li ISO17065 tirreferi għalihom) - iċ-ċertifikazzjoni hija definita fit-termini li ġejjin: "attestazzjoni ta' parti terza... relatata ma' prodotti, proċessi, u servizzi".
16. Attestazzjoni hija "il-ħruġ ta' dikjarazzjoni, abbażi ta' deċiżjoni wara rieżami, li turi li ġew issodisfati r-rekwiżiti speċifiċi" (it-taqsimu 5.2, ISO 17000:2004).
17. Fil-kuntest ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikoli 42 u 43 tal-GDPR, ċertifikazzjoni għandha tirreferi għall-attestazzjoni ta' parti terza relatata mal-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-kontrolluri u mill-proċessuri.

1.3.2 Mekkaniżmi, siġilli u marki ta' ċertifikazzjoni

18. Il-GDPR ma jiddefinixxi "mekkaniżmi, siġilli jew marki ta' ċertifikazzjoni" – u juża t-termini b'mod kollettiv. Ċertifikat huwa dikjarazzjoni ta' konformità. Siġill jew marka jistgħu jintużaw biex ifissru t-tlestija b'suċċess tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni. Siġill jew marka ġeneralment jirreferu għal logo jew simbolu li l-preżenza tiegħu (minbarra ċertifikat) jindika li l-għan ta'

ċertifikazzjoni għe vvalutat b'mod indipendenti fi proċedura ta' ċertifikazzjoni u jikkonforma ma' rekwiżiti speċifiċi, iddikjarati f'dokumenti normattivi bħal regolamenti, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi. Dawn ir-rekwiżiti fil-kuntest ta' ċertifikazzjoni skont il-GDPR huma stabbiliti fir-rekwiżiti addizzjonali li jissupplimentaw ir-regoli għall-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni f'EN-ISO/IEC 17065/2012 u l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti jew mill-Bord. Ċertifikat, siġill jew marka skont il-GDPR jistgħu jinħarġu biss wara l-valutazzjoni indipendenti tal-evidenza minn korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat jew awtorità superviżorja kompetenti, li jiddikjaraw li l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni għew issodisfati.

19. It-tabella tipprovdi eżempju ġeneriku ta' proċess ta' ċertifikazzjoni.

Sottomissjoni ta' applikazzjoni minn kontrollur jew proċessur	Kontroll formali mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni	Valutazzjoni Pre-Evalwazzjoni	Valutazzjoni Evalwazzjoni tat-ToE	Valutazzjoni Validazzjoni tar-riżultati	Informazzjoni IIS-CSA	Ċertifikazzjoni	Monitoraġġ	Tiġdid taċ-ċertifikazzjoni
Id deskrittivi tal-mira ta' evalwazzjoni (ioe), hija inkwivokabbli u sħiħa, u tinkludi l-interfaċċi?	Tista' tiġi aċċettata li-deskrizzjoni tat-toe?	Liema huma l-kriterji applikabbli?	Il ToE tissodisfa l-kriterji?	Il kriterji kollha rilevanti speċifikati qed jirriflettut-ToE?	Ingħataw ir-rapportijiet l-għaliex ċertifikazzjoni nġatrat jew għin iktirata?	Lista' jingħata ċ-ċertifikat?	Il ToE għadha tissodisfa l-kriterji?	Il proċessur għadu jissodisfa l-kriterji ta' ċertifikazzjoni?
Huma possibbli l-aċċess għall-attivitàjiet ta' proċessar tat-toe?	Huma kompluti u ajornali d-dokumenti kollha?	Liema huma l-metodi ta' evalwazzjoni applikabbli?	Id dokumentazzjoni tat-ToE hija korretta?	Il evalwazzjoni għet iddikumentata biżżejjed?		Il rapporti lesta' biex jiġu ppubblikati?	Id ċertifikat/siġill/il-marka ta' l-iduċja qed jiġu/aw b'mod korrett?	Il oqsma ta' żvilupp f'ew indirizzati b'mod sodisfaċenti?
Art. 42(6)	Art. 43(4)	Art. 43(4)	Art. 42(5), Art. 43(4)	Art. 43(4)	Art. 43(1), 43(5)	Art. 43(1); Art. 42 (7)	Art. 42 (7)	Art. 42 (7)

2 IR-RWOL TAL-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI

20. L-Artikolu 42(5) jipprevedi li ċertifikazzjoni għandha tinħareġ minn korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat jew minn awtorità superviżorja kompetenti. Il-GDPR ma jagħmilx il-ħruġ ta' ċertifikazzjonijiet kompitu obligatorju tal-awtoritajiet superviżorji. Minflok, il-GDPR jippermetti numru ta' mudelli differenti. Pereżempju, awtorità superviżorja tista' tiddeċiedi dwar waħda jew aktar mill-għażliet li ġejjin:

-) toħroġ ċertifikazzjoni hija stess, fir-rigward tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tagħha stess;
-) toħroġ ċertifikazzjoni hija stess, fir-rigward tal-iskema ta' ċertifikazzjoni tagħha stess, iżda tiddelega l-proċess ta' valutazzjoni kollu jew parti minnu lil partijiet terzi;
-) toħloq l-iskema ta' ċertifikazzjoni tagħha stess, u tinkariga lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni bil-proċedura ta' ċertifikazzjoni li joħroġu ċ-ċertifikazzjoni; u

) tixpruna lis-suq jiżviluppa mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni.

21. Awtorità superviżorja se jkollha tqis ukoll ir-rwol tagħha fid-dawl tad-deċiżjonijiet magħmula fil-livell nazzjonali dwar il-mekkaniżmi ta' akkreditazzjoni – b'mod partikolari jekk l-awtorità superviżorja nfisha tingħata s-setgħa li takkredita korpi taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 43(1) tal-GDPR. Għalhekk kull awtorità superviżorja se tiddetermina liema approċċ għandha tiegħu biex issegwi l-intenzjoni wiesgħa taċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR. Dan se jiġi ddeterminat mhux biss fil-kuntest tal-kompiti u tas-setgħat tal-Artikoli 57 u 58, iżda wkoll meta ċ-ċertifikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala fattur li għandu jittqies biex jiġu determinati multi amministrattivi, u b'mod aktar ġenerali bħala mezz biex tintwera konformità.

2.1 Awtorità Superviżorja bħala korp taċ-ċertifikazzjoni

22. Meta awtorità superviżorja tagħżel li twettaq ċertifikazzjoni, din se jkollha tivvaluta bir-reqqa r-rwol tagħha fir-rigward tal-kompiti assenjati lilha skont il-GDPR. Ir-rwol tagħha jenħtieġ li jkun trasparenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha. Din se jkollha tqis speċifikament is-separazzjoni tas-setgħat relatati mal-investigazzjonijiet u l-infurzar sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali.
23. Meta tagħxi bħala korp taċ-ċertifikazzjoni, awtorità superviżorja se jkollha tiżgura l-istabbiliment xieraq ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u tiżviluppa l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni tagħha stess jew tadotta kriterji taċ-ċertifikazzjoni. Barra minn hekk, kull awtorità superviżorja li toħroġ ċertifikazzjonijiet għandha l-kompitu li tirrieżaminahom perijodikament (Artikolu 57(1)(o)) u s-setgħa li tirtirahom meta r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ma jkunux jew ma jibqgħux jiġu ssodisfati (Artikolu 58(2)(h)). Sabiex jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti, huwa utli li tiġi stabbilita proċedura ta' ċertifikazzjoni u rekwiżiti ta' proċess, u, jekk ma jiġix stipulat mod ieħor pereżempju mil-liġi nazzjonali, jiġi stabbilit ftehim infurzabbli legalment għall-provvediment ta' attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni mal-organizzazzjoni tal-applikant individwali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li dan il-ftehim ta' ċertifikazzjoni jkun jirrikjedi li l-applikant jikkonforma mill-inqas mal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni inkluż l-arranġamenti meħtieġa biex jitwettqu l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ tal-aderenza mal-kriterji, u r-rieżami perijodiku inkluż l-aċċess għall-informazzjoni u/jew għall-premessi, id-dokumentazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' rapporti u ta' riżultati, u l-investigazzjoni tal-ilmenti. Barra minn hekk, huwa mistenni li awtorità superviżorja ssegwi r-rekwiżiti fil-linji gwida għall-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni apparti r-rekwiżiti skont l-Artikolu 43(2).

2.2 Aktar kompiti tal-Awtorità Superviżorja dwar iċ-ċertifikazzjoni

24. Fl-Istati Membri fejn il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jsiru attivi, l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa u l-kompitu irrispettivament mill-attivitajiet tagħha stess:

-) li tivvaluta l-kriterji ta' skema ta' ċertifikazzjoni u tagħmel abbozz ta' deċiżjoni (l-Artikolu 42(5));
-) li tikkomunika lill-Bord l-abbozz ta' deċiżjoni meta jkun beħsiebha tapprova l-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni (l-Artikolu 64(1)(c), 64(7)) u tqis l-opinjoni tal-Bord (l-Artikolu 64(1)(c) u 70(1)(t));

- ### 3 IR-RWOL TA' KORP TAÇ-ĊERTIFIKAZZJONI

- ## Adottati

ċertifikazzjoni, inklużi proċeduri għall-monitoraġġ tal-aderenza, ir-rieżaminazzjoni, it-trattament tal-ilmenti, u l-irtirar. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jiġu riveduti bħala parti mill-proċess ta' akkreditazzjoni, li jqis ir-regoli u l-proċeduri li skonthom jinħarġu ċ-ċertifikazzjonijiet, is-siġilli jew il-marki (l-Artikolu 43(2)(c)).

28. L-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni hija meħtieġa biex il-korp taċ-ċertifikazzjoni jikseb akkreditazzjoni skont l-Artikolu 43. Impatt kbir fuq dak li jagħmel korp taċ-ċertifikazzjoni jirriżulta mill-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' kriterji taċ-ċertifikazzjoni li għandhom impatt fuq il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u viċi versa. Kriterji speċifiċi jistgħu pereżempju jirrikjedu metodi speċifiċi ta' evalwazzjoni, bħal spezzjonijiet fuq il-post u r-rieżami tal-kodiċi. Dawn il-proċeduri huma obbligatorji għall-akkreditazzjoni u huma spjegati f'aktar dettal fil-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni.
29. Il-korp taċ-ċertifikazzjoni huwa mitlub mill-GDPR biex jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet superviżorji, speċjalment dwar ċertifikazzjonijiet individwali, li hija meħtieġa biex tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni (l-Artikoli 42(7), 43(5), 58(2)(h)).

4 L-APPROVAZZJONI TAL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

30. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jiffurmaw parti integrali minn kwalunkwe mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Konsegwentement, il-GDPR jirrikjedi l-approvazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni mill-awtorità superviżorja kompetenti (l-Artikoli 42(5) u 43(2)(b)). Jew fil-każ ta' Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni huma approvati mill-EDPB (l-Artikoli 42(5) u 70(1)(o)). Iż-żewġ rotot għall-approvazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni huma spjegati hawn taħt.
31. L-EDPB jirrikonoxxi l-għanijiet li ġejjin għall-approvazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni:
-) li jiġu riflessi kif xieraq ir-rekwiżiti u l-prinċipji dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/679; u
 -) li jingħata kontribut għall-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR.
32. L-approvazzjoni li tingħata abbażi tar-rekwiżit tal-GDPR li l-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jippermetti lill-kontrolluri u lill-proċessuri juru konformità mal-GDPR hija riflessa bis-sħiħ fil-kriterji taċ-ċertifikazzjoni.

4.1 Approvazzjoni tal-kriterji mill-awtorità superviżorja kompetenti

33. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jridu jiġu approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti qabel jew waqt il-proċess ta' akkreditazzjoni għal korp ta' ċertifikazzjoni. L-approvazzjoni hija meħtieġa wkoll għal skemi jew għabriet ta' kriterji aġġornati jew addizzjonali skont l-ISO 17065 mill-istess korp taċ-ċertifikazzjoni, qabel ma jintużaw il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni emendati (l-Artikoli 42(5) u 43(2)(b)). L-awtoritajiet superviżorji għandhom jitrattaw it-talbiet kollha għal approvazzjoni tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni b'mod ġust u nondiskriminatorju, skont proċedura disponibbli pubblikament li tispeċifika l-kundizzjonijiet ġenerali li għandhom jiġu ssodisfati u d-deskrizzjoni tal-proċess ta' approvazzjoni.

34. Korp taċ-ċertifikazzjoni jista' joħroġ biss ċertifikazzjoni fi Stat Membru partikolari skont il-kriterji approvati mill-awtorità superviżorja f'dak l-Istat Membru. Fi kliem ieħor, il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jeħtieġ li jiġu approvati mill-awtorità superviżorja kompetenti fejn il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu l-għan li joffri ċertifikazzjoni u jikseb l-akkreditazzjoni. Ara t-taqsimha hawn taħt għal skemi ta' ċertifikazzjoni mal-Ewropa kollha.

4.2 Approvazzjoni tal-kriterji mill-EDPB għas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

35. Korp taċ-ċertifikazzjoni jista' joħroġ ukoll ċertifikazzjoni skont il-kriterji approvati mill-EDPB għal Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni approvati mill-EDPB skont l-Artikolu 63 jistgħu jirriżultaw f'Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (l-Artikolu 42(5)). Fid-dawl tal-konvenzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u tal-akkreditazzjoni eżistenti, l-EDPB jirrikonoxxi li huwa mixtieq li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq għaċ-ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-data. Huwa jinnota li l-Artikolu 42(1) jipprevedi li l-Istati Membri, l-awtoritajiet superviżorji, il-Bord u l-Kummissjoni għandhom iħeġġu l-istabbiliment tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni, b'mod partikolari fil-livell ta' Unjoni.

4.2.1 Applikazzjoni għall-approvazzjoni

36. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kriterji skont l-Artikolu 42(5) u 70(1)(o), mill-EDPB trid tiġi sottomessa permezz ta' awtorità superviżorja kompetenti u jenħtieġ li tiddikjara l-intenzjoni tas-sid, tal-kandidat jew tal-korp taċ-ċertifikazzjoni akkreditat tal-iskema li joffri l-kriterji f'mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni li jindirizza lill-kontrolluri u lill-proċessuri fl-Istati Membri kollha. L-awtorità superviżorja kompetenti se tipprovdi abbozz lill-EDPB meta tqis li l-kriterji jistgħu jiġu approvati mill-EDPB.
37. L-għażla ta' fejn tiġi sottomessa applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kriterji se tkun ibbażata fuq is-sidien tal-iskema ta' ċertifikazzjoni jew il-kwartieri ġenerali tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni.
38. Jekk korp taċ-ċertifikazzjoni jissottometti applikazzjoni, din normalment tkun fil-proċess ta' applikazzjoni għal akkreditazzjoni jew tkun diġà akkreditata mill-awtorità superviżorja kompetenti jew mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tal-Istat Membru tiegħu. Meta l-korp taċ-ċertifikazzjoni jkun diġà akkreditat mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni tal-GDPR, dan jista' jgħin biex jissimplifika l-proċess tal-approvazzjonijiet.

4.2.2 Il-kriterji tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

39. L-EDPB se jikkoordina l-proċess ta' valutazzjoni u japprova l-kriterji tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data kif meħtieġ. Il-valutazzjoni se tindirizza tali oqsma bħal: il-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterji u l-kapaċità li jservu bħala ċertifikazzjoni komuni. Meta l-kriterji jiġu approvati mill-EDPB, l-awtorità superviżorja kompetenti għall-kwartieri ġenerali tal-UE tal-korp taċ-ċertifikazzjoni hija mistennija li tittratta l-ilmenti dwar il-mekkaniżmu nnifsu u

tinforma lill-awtoritajiet supervizzorji l-oħra. Din l-awtorità supervizzorja hija kompetenti wkoll biex tiegħu miżuri kontra l-korp taċ-ċertifikazzjoni. L-awtorità supervizzorja kompetenti se tinnotifika lill-awtoritajiet supervizzorji l-oħra u lill-EDPB, skont il-każ.

40. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni li jindirizzaw ċertifikazzjoni komuni huma soġġetti għal talbiet madwar l-UE u jenħtieġ li jipprovdu mekkaniżmu speċifiku biex ilaħħqu ma' dawn it-talbiet. Il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni Ewropej iridu jkunu intiżi għall-użu fl-Istati Membri kollha. Abbażi tal-Artikolu 42(5) il-mekkaniżmu għal Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* kif ukoll il-kriterji tiegħu jeħtieġ li jkunu jistgħu jiġu mmodifikati abbażi tal-ħtiġijiet, b'tali mod li jittieħdu inkonsiderazzjoni r-regolamenti nazzjonali speċifiċi għas-settur applikabbli, pereżempju l-ipproċessar tad-*data* fl-iskejjel, u għandhom jkunu applikabbli mal-Ewropa kollha.
41. Eżempju: Skola internazzjonali li toffri edukazzjoni lil suġġetti tad-*data* fl-Unjoni hija bbażata fi Stat Membru "A". L-iskola tixtieq tiċċertifika l-proċess ta' applikazzjoni online tagħha permezz ta' skema ta' ċertifikazzjoni madwar l-UE sabiex tikseb Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Din l-iskola għandha l-għan li tapplika għal ċertifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' pproċessar offrti minn korp taċ-ċertifikazzjoni stabbilit fi Stat Membru "B" abbażi ta' Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. Il-kriterji tas-Siġill imfassla u ddokumentati fil-mekkaniżmu rilevanti jridu jkunu kapaċi jqisu r-regolamenti għall-iskejjel applikabbli fi Stat Membru "A". Il-kriterji jenħtieġ li jesigū wkoll li l-proċess ta' applikazzjoni online tal-iskola jipprovdi informazzjoni u jqis ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istat Membru applikabbli li jistgħu jkunu differenti fi Stati Membri oħra. Eżempju ta' dan huma għabriet ta' *data* personali li għandhom jiġu sottomessi għall-finijiet ta' applikazzjoni pereżempju marki jew riżultati tat-testijiet tal-kindergarten, perjodi ta' żamma differenti, għir jew ipproċessar ta' *data* finanzjarja jew bijometrika, limitazzjonijiet għal aktar ipproċessar.
- J Kriterji ta' livell għoli għall-approvazzjoni ta' mekkaniżmu tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jinkludu:
 - o kriterji approvati mill-Bord;
 - o applikazzjoni fil-ġurisdizzjonijiet li jirriflettu fejn xieraq rekwiżiti legali nazzjonali u regolamenti speċifiċi għas-settur;
 - o
 - J kriterji armonizzati li jistgħu jiġu mmodifikati skont il-ħtiġijiet biex jirriflettu r-rekwiżiti nazzjonali;
 - o deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni li jispeċifika;
 - o il-ftehimiet ta' ċertifikazzjoni, li jirrikonoxxu r-rekwiżiti pan-Ewropej;
 - o proċeduri biex jiġu żgurati u jingħataw soluzzjonijiet għad-differenzi nazzjonali u jiġi żgurat li s-Siġill jgħin biex juri konformità mal-GDPR; u
 - o l-lingwaġġ tar-rapporti li jindirizzaw lill-awtoritajiet supervizzorji affettwati kollha.

42. L-anness fih ukoll pariri dwar il-kriterji tas-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

4.2.3 Ir-rwol tal-akkreditazzjoni

43. Kif innotat f'4.2.1, meta l-kriterji jiġu identifikati bħala adattati għal ċertifikazzjoni komuni, u jkunu ġew approvati bħala tali mill-Bord skont l-Artikolu 42(5), f'dak il-każ il-korpi taċ-ċertifikazzjoni jistgħu jiġu akkreditati biex iwettqu ċertifikazzjoni skont dawn il-kriterji fil-livell tal-Unjoni.
44. L-iskemi li huma maħsuba biss biex jiġu offruti fi Stati Membri partikolari mhux se jkunu eliġibbli għas-Siġilli tal-UE. L-akkreditazzjoni għall-finijiet ta' Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* se tirrikjedi akkreditazzjoni fl-Istat Membru tal-kwartieri ġenerali tal-korp taċ-ċertifikazzjoni li jkollu l-ħsieb li jħaddem l-iskema, jiġifieri dak responsabbli biex joħroġ iċ-ċertifikazzjonijiet u jiġġestixxi l-attivitajiet taċ-ċertifikazzjoni tal-entitajiet u s-sussidjarji tiegħu fi stati Membri oħra. Fejn stabbilimenti jew uffiċċji oħra jimmaniġġjaw u jwettqu ċertifikazzjonijiet b'mod awtonomu, kull wieħed minn dawn l-istabbilimenti jew l-uffiċċji se jirrikjedi akkreditazzjoni separata fl-Istat Membru fejn ikunu bbażati. Fi kliem ieħor, l-akkreditazzjoni hija meħtieġa biss fl-Istat Membru tal-kwartieri ġenerali tal-korp taċ-ċertifikazzjoni meta l-kwartieri ġenerali biss joħroġu ċ-ċertifikati. B'kuntrast ma' dan, meta stabbilimenti oħra tal-korp taċ-ċertifikazzjoni joħroġu wkoll ċertifikati, dawn l-istabbilimenti jeħtieġ li jiġu akkreditati wkoll.
45. Konsegwentement, jekk korp taċ-ċertifikazzjoni ma jkunx ġie akkreditat biex jiċċertifika skont is-Siġill Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, f'dak il-każ il-kriterji approvati mill-EDPB ma jistgħux jintużaw u s-Siġill ma jistax jiġi offrut.

5 L-IŻVILUPP TAL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

46. Il-GDPR stabbilixxa l-qafas għall-iżvilupp tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni. Billi r-rekwiżiti fundamentali dwar il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni huma indirizzati fl-Artikoli 42 u 43 filwaqt li jipprovdu wkoll kriterji essenzjali għall-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni, il-bażi għall-kriterji taċ-ċertifikazzjoni trid tiġi mill-prinċipji u r-regoli tal-GDPR u trid tgħin biex tipprovdi aċċertament li huma ssodisfati.
47. L-iżvilupp tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiffoka fuq il-verifikabbiltà, is-sinifikat, u l-adattabbiltà tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni biex juru konformità mar-Regolament. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li jiġu fformulati b'tali mod li jkunu ċari u komprensibbli u li jippermettu applikazzjoni Prattika.
48. Meta jiġu abbozzati l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni għandhom jitqiesu l-aspetti ta' konformità li ġejjin, li fost l-oħrajn jappoġġaw il-valutazzjoni tal-operazzjoni ta' pproċessar, fejn applikabbli:
-) il-legalità tal-ipproċessar skont l-Artikolu 6;
 -) il-prinċipji tal-ipproċessar tad-*data* skont l-Artikolu 5;
 -) id-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont l-Artikoli 12-23;

-)] I-obbligu li jiġi nnotifikat il-ksur tad-*data* skont l-Artikolu 33;
-)] I-obbligu tal-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku, skont l-Artikolu 25;
-)] jekk twettqitx valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-*data*, skont l-Artikolu 35(7)(d), jekk applikabbli; u
-)] il-miżuri tekniċi u organizzattivi stabbiliti skont l-Artikolu 32.

49. Il-punt sa fejn dawn il-kunsiderazzjonijiet huma riflessi fil-kriterji jista' jvarja skont il-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni li jista' jinkludi t-tip tal-operazzjoni(jiet) ta' pproċessar u l-qasam (pereżempju s-settur tas-saħħa) taċ-ċertifikazzjoni.

5.1 X'jista' jiġi ċċertifikat skont il-GDPR?

50. L-EDPB iqis li l-GDPR jipprovdi kamp ta' applikazzjoni wiesa' għal dak li jista' jiġi ċċertifikat skont il-GDPR, dment li l-fokus ikun fuq l-għoti ta' għajjnuna biex tintwera konformità ma' dan ir-Regolament għall-operazzjonijiet ta' pproċessar mill-kontrolluri u mill-proċessuri (l-Artikolu 42.1).

51. Meta tiġi vvalutata operazzjoni ta' pproċessar, iridu jitqiesu t-tliet komponenti ewlenin li ġejjin, fejn applikabbli:

1. id-*data* personali (kamp ta' applikazzjoni materjali tal-GDPR);
2. is-sistemi tekniċi - l-infrastruttura, bħall-hardware u s-software, użati biex tiġi pproċessata d-*data* personali; u
3. il-proċessi u l-proċeduri relatati mal-operazzjoni(jiet) ta' pproċessar.

52. Kull komponent użat fl-operazzjonijiet ta' pproċessar irid jkun soġġett għal valutazzjoni skont il-kriterji ffixxati. Mill-inqas erba' fatturi sinifikanti differenti jistgħu jkunu ta' influwenza: 1) l-organizzazzjoni u l-istruttura legali tal-kontrollur jew tal-proċessar; 2) id-dipartiment, l-ambjent u n-nies involuti fl-operazzjoni(jiet) ta' pproċessar; 3) id-deskrizzjoni teknika tal-elementi li għandhom jiġu vvalutati; u fl-aħħar nett 4) l-infrastruttura tal-IT li tappoġġja l-operazzjoni ta' pproċessar inklużi sistemi operattivi, sistemi virtwali, bażijiet tad-*data*, sistemi ta' awtentikazzjoni u ta' awtorizzazzjoni, routers u firewalls, sistemi ta' ħżin, infrastruttura ta' komunikazzjoni jew aċċess għall-Internet u miżuri tekniċi assoċjati.

53. It-tliet komponenti kollha huma rilevanti għad-disinn tal-proċeduri u tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni. Skont l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni, il-punt sa fejn dawn jittieħdu inkonsiderazzjoni jista' jvarja. Pereżempju, f'xi każijiet, xi komponenti jistgħu jiġu injorati jekk jitqiesu bħala mhux rilevanti għall-għan taċ-ċertifikazzjoni.

54. Sabiex jiġi speċifikat aktar dak li jista' jiġi ċċertifikat skont il-GDPR, il-GDPR fih gwida addizzjonali. Mill-Artikolu 42.7 jirriżulta li ċ-ċertifikazzjonijiet skont il-GDPR jinħarġu biss għall-kontrolluri tad-*data* u għall-proċessuri tad-*data*, li jeskludu pereżempju ċ-ċertifikazzjoni tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data*. L-Artikolu 43(1)(b) jirreferi għall-ISO 17065 li jipprevedi l-akkreditazzjoni ta' korpi taċ-ċertifikazzjoni li jivvalutaw il-konformità tal-prodotti, tas-servizzi

u tal-proċessi. Operazzjoni ta' pproċessar jew ġabra ta' operazzjonijiet jistgħu jirriżultaw fi prodott jew servizz fit-terminoloġija tal-ISO 17065 u dan jista' jkun soġġett għal ċertifikazzjoni. Pereżempju, l-ipproċessar tad-*data* dwar l-impjegati għall-fini ta' pagamenti ta' salarji jew ġestjoni tal-liv huwa ġabra ta' operazzjonijiet skont it-tifsira tal-GDPR u jista' jirriżulta fi prodott, proċess jew servizz fit-terminoloġija ta' ISO.

55. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-EDPB iqis li l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni skont il-GDPR huwa mmirat lejn l-operazzjonijiet ta' pproċessar jew ġabriet ta' operazzjonijiet. Dawn jistgħu jinkludu proċessi ta' governanza fis-sens ta' miżuri organizzattivi, b'hekk bħala partijiet integrali ta' operazzjoni ta' pproċessar (pereżempju l-proċess ta' governanza stabbilit għat-trattament tal-ilmenti bħala parti mill-ipproċessar tad-*data* dwar l-impjegati għall-fini ta' pagamenti tas-salarji).
56. Sabiex tiġi vvalutata l-konformità tal-operazzjoni ta' pproċessar mal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni, irid jiġi pprovdut każ ta' użu. Pereżempju, konformità tal-użu ta' infrastruttura teknika użata f'operazzjoni ta' pproċessar tiddependi fuq il-kategoriji tad-*data* li hija mfassla biex tipproċessa. Il-miżuri organizzattivi jiddependu fuq il-kategoriji u l-ammont ta' *data* u l-infrastruttura teknika użata għall-ipproċessar, filwaqt li jitqiesu n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kontenut u l-iskopijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.
57. Barra minn hekk, għandu jitqies li l-applikazzjonijiet tal-IT jistgħu jvarjaw ħafna minkejja li jservu l-istess skopijiet ta' pproċessar. Għalhekk, dawn għandhom jitqiesu meta jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u l-abbozzar tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni, jiġifieri l-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni u tal-kriterji ma għandux ikun tant dejjaq li jeskludi l-applikazzjonijiet tal-IT mfassla b'mod differenti.

5.2 Id-determinazzjoni tal-għan taċ-ċertifikazzjoni

58. Trid issir distinzjoni bejn il-kamp ta' applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni u l-oġġett - magħruf ukoll bħala l-mira ta' evalwazzjoni (ToE, target of evaluation), fi proġetti ta' ċertifikazzjoni individwali skont mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jista' jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu b'mod ġenerali jew b'rabta ma' tip jew qasam speċifiku tal-operazzjonijiet ta' pproċessar u għalhekk diġà jista' jidentifika l-għanijiet taċ-ċertifikazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni (pereżempju ħżin sigur u protezzjoni tad-*data* personali li tinsab f'kamra tas-sigurtà diġitali). F'kull każ, valutazzjoni tal-konformità affidabbli u sinifikanti tista' ssir biss jekk l-oġġett individwali ta' proġett ta' ċertifikazzjoni jiġi deskritt b'mod preċiż. Irid jiġi deskritt b'mod ċar liema operazzjonijiet ta' pproċessar huma inklużi fl-oġġett taċ-ċertifikazzjoni u mbagħad il-komponenti ewlenin, jiġifieri liema *data*, proċessi u infrastruttura teknika, se jiġu vvalutati u liema mhumiex. B'hekk, l-interfaċċi għal proċessi oħra għandhom dejjem jitqiesu u jiġu deskritti wkoll. Bla dubju, dak li mhux magħruf ma jistax ikun parti mill-valutazzjoni u għalhekk ma jistax jiġi ċċertifikat. Fi kwalunkwe każ, l-oġġett individwali taċ-ċertifikazzjoni jrid jagħmel sens fir-rigward tal-messaġġ jew tal-pretensjoni li ssir fuq/miċ-ċertifikazzjoni u jenħtieġ li ma jiżvijax lill-utent, lill-klijent jew lill-konsumatur.

59. [Eżempju 1]

Bank joffri lill-klijenti tiegħu sit web għall-fini ta' operazzjonijiet bankarji online. Fil-qafas ta' dan is-servizz, hemm il-possibbiltà li jsiru trasferimenti, jinxtraw ishma, jinbdew ordnijiet permanenti u jiġi għestit il-kont. Il-bank jixtieq jiċċertifika dan li għej skont mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni ta' protezzjoni tad-*data* b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali bbażat fuq kriterji ġeneriċi:

a) Log-in sigur

Log-in sigur huwa operazzjoni ta' pproċessar li tinftiehem mill-utent finali u li hija rilevanti minn perspettiva ta' protezzjoni tad-*data* peress li għandu rwol importanti biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-*data* personali involuta. Għalhekk, din l-operazzjoni ta' pproċessar hija meħtieġa għal log-in sigur u għalhekk tista' tikkostitwixxi ToE sinifikanti jekk iċ-ċertifikat jiddikjara b'mod ċar li l-operazzjoni ta' pproċessar tal-log-in biss hija ċċertifikata.

b) Web front-end

Filwaqt li l-web front-end jista' jkun rilevanti minn perspettiva ta' protezzjoni tad-*data*, dan ma jistax jifhem l-utent finali u għalhekk ma jistax ikun ToE sinifikanti. Barra minn hekk, mhuwiex ċar għall-utent liema servizzi fuq is-sit web u għalhekk liema operazzjonijiet ta' pproċessar huma koperti miċ-ċertifikazzjoni.

c) Attivitàjiet bankarji online

Il-web min-naħa tal-klijent flimkien mal-web min-naħa tas-server huma operazzjonijiet ta' pproċessar pprovduti fis-servizz bankarju online li jistgħu jkunu sinifikanti għall-utent. F'dan il-kuntest, it-tnejn li huma jridu jkunu inklużi fit-ToE. Filwaqt li l-operazzjonijiet ta' pproċessar li mhumix marbuta direttament mal-provvediment tas-servizz bankarju online, bħall-operazzjonijiet ta' pproċessar għall-fini ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, jistgħu jiġu esklużi mit-ToE.

Madankollu, is-servizzi bankarji online offriti mill-bank permezz tas-sit web tiegħu jistgħu jinkludu wkoll servizzi oħra li min-naħa tagħhom jirrikjedu l-operazzjonijiet ta' pproċessar tagħhom stess. F'dan il-kuntest, servizzi oħra jistgħu jinkludu, pereżempju, l-offerta ta' prodott ta' assigurazzjoni. Peress li dan is-servizz addizzjonali mhuwiex marbut direttament mal-għan li jiġi pprovduti servizzi bankarji online, dan jista' jiġi eskluż mit-ToE. Jekk dan is-servizz addizzjonali (assigurazzjoni) jiġi eskluż mit-ToE, l-interfaċċi għal dan is-servizz integrati fis-sit web huma parti mit-ToE u għalhekk iridu jiġu deskritti sabiex tkun tista' ssir distinzjoni ċara bejn is-servizzi. Tali deskrizzjoni hija meħtieġa biex jiġi identifikati u evalwati l-flussi tad-*data* possibbli bejn iż-żewġ servizzi.

60. [Eżempju 2]

Bank joffri lill-klijenti tiegħu servizz li jippermettilhom jaggregaw l-informazzjoni relatata ma' kontijiet u karti tal-kreditu differenti minn diversi banek (aggregazzjoni tal-kontijiet). Il-bank jixtieq ikollu s-servizz tiegħu ċċertifikat skont il-GDPR. L-awtorità superviżorja kompetenti approvat ġabra speċifika ta' kriterji ta' ċertifikazzjoni li jiffukaw fuq dan it-tip ta' attività. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni biss jindirizza l-aspetti ta' konformità li għejjin:

-) awtentiċità tal-utent; u
-) modi aċċettabbli biex tinkiseb id-*data* li għandha tiġi aggregata minn banek/servizzi oħra.

Peress li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jiddefinixxi t-ToE fiha nnfisha, mhuwiex possibbli li t-ToE tiċċekken b'mod sinifikanti skont il-kamp ta' applikazzjoni propost u jiġu ċċertifikati biss karatteristiċi speċifiċi jew attività ta' pproċessar waħda. F'dan ix-xenajru, ToE trid tkun uguali għal kamp ta' applikazzjoni speċifiku.

5.3 Metodi ta' evalwazzjoni u metodoloġija ta' valutazzjoni

61. Valutazzjoni tal-konformità bl-għan li turi konformità fl-operazzjonijiet ta' pproċessar tenħtieġ li jiġu identifikati u ddeterminati l-metodi għal evalwazzjoni u l-metodoloġija ta' valutazzjoni. Il-fatt jekk l-informazzjoni għall-valutazzjoni tinġabarx mid-dokumentazzjoni biss (li ma tkunx biżżejjed fiha nnfisha) jew jekk din tinġabarx b'mod attiv fuq il-post u b'aċċess dirett jew indirett huwa importanti. Il-mod li bih tinġabar l-informazzjoni għandu konsegwenzi għas-sinifikat taċ-ċertifikazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jiġi definit u deskritt.

Il-proċeduri għall-ħruġ u r-rieżami perjodiku taċ-ċertifikazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu speċifikazzjonijiet biex jiġi identifikat il-livell xieraq ta' evalwazzjoni (profondità u granularità) sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni u jenħtieġ li jinkludu l-għoti ta':

-) informazzjoni dwar l-metodi ta' valutazzjoni applikati u xi speċifikazzjoni għandhom, u r-riżultati miġbura pereżempju waqt awditi fuq il-post jew minn dokumentazzjoni,
-) metodi ta' evalwazzjoni li jiffukaw fuq l-operazzjonijiet ta' pproċessar (*data*, sistemi, proċessi) u l-għan tal-ipproċessar,
-) l-identifikazzjoni tal-kategoriji tad-*data*, il-ħtiġijiet ta' protezzjoni u jekk il-proċessuri jew il-partijiet terzi humiex involuti,
-) l-identifikazzjoni tar-rwoli u l-eżistenza ta' mekkaniżmu ta' kontroll tal-aċċess iddefinit madwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet.

62. Il-profondità tal-evalwazzjoni għandha impatt fuq is-sinifikat u l-valur taċ-ċertifikazzjoni. Billi titnaqqas il-profondità tal-evalwazzjoni għal finijiet pragmatiċi jew biex jitnaqqsu l-kostijiet, se jitnaqqas is-sinifikat ta' ċertifikazzjoni tal-protezzjoni tad-*data*. Min-naħa l-oħra, deċiżjonijiet dwar il-granularità tal-evalwazzjoni, jistgħu jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-applikant u spiss il-kapaċità tal-evalwaturi u tal-awdituri, ukoll. Bil-għan li tintwera konformità, mhux dejjem jista' jkun kruċjali li tintlaħaq analiżi ferm dettaljata tas-sistemi tal-IT użati biex din tibqa' sinifikanti.

5.4 Dokumentazzjoni tal-valutazzjoni

63. Id-dokumentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tkun profonda u komprensiva. Nuqqas ta' dokumentazzjoni jfisser li ma tistax issir valutazzjoni xierqa. Il-funzjoni essenzjali tad-dokumentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni hija li din tipprovdi trasparenza fil-proċess ta' evalwazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Id-dokumentazzjoni tipprovdi tweġibiet

għall-mistoqsijiet dwar ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi. Il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jipprevedu metodoloġija għal dokumentazzjoni standardizzata. Wara dan, l-evalwazzjoni se tippermetti li jsir tqabbil tad-dokumentazzjoni taċ-ċertifikazzjoni mal-istatus attwali fuq is-sit u skont il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni.

64. Dokumentazzjoni komprensiva ta' dak li ġie ċċertifikat u l-metodoloġija użata sservi bħala trasparenza. Skont l-Artikolu 43(2)(c), il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxu proċeduri li jippermettu r-rieżami taċ-ċertifikazzjonijiet. Sabiex l-awtorità superviżorja tkun tista' tivvaluta jekk u sa liema punt iċ-ċertifikazzjoni tista' tiġi rikonossuta fl-investigazzjonijiet formali, id-dokumentazzjoni ddettaljata jaf tkun l-aktar mezz xieraq biex issejtni komunikazzjoni. Id-dokumentazzjoni prodotta waqt l-evalwazzjoni jenħtieġ li għaldaqstant tiffoka fuq tliet aspetti ewlenin:

-) il-konsistenza u l-koerenza tal-metodi ta' evalwazzjoni mwettqa;
-) metodi ta' evalwazzjoni mmirati biex juru li l-oġġett taċ-ċertifikazzjoni konformi mal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni u b'hekk mar-Regolament; u
-) li r-riżultati tal-evalwazzjoni jkunu ġew invalidati minn korp taċ-ċertifikazzjoni indipendenti u imparzjali.

5.5 Dokumentazzjoni tar-riżultati

65. Il-premessa 100 tipprovdi informazzjoni dwar l-oġġettivi segwiti bl-introduzzjoni taċ-ċertifikazzjoni.

“Sabiex jitjiebu t-trasparenza u l-konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġi mhegġegħ l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u siġilli u marki ta' protezzjoni tad-*data*, sabiex jippermettu lis-suġġetti tad-*data* li jivvalutaw rapidament il-livell ta' protezzjoni tad-*data* ta' prodotti u servizzi rilevanti.”

66. Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza, id-dokumentazzjoni u l-komunikazzjoni tar-riżultati għandhom rwol importanti. Il-korpi taċ-ċertifikazzjoni li jużaw mekkaniżmi, siġilli jew marki ta' ċertifikazzjoni mmirati lejn is-suġġetti tad-*data* (fir-rwoli tagħhom bħala konsumaturi jew klijenti) jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli, li tinftiehem u sinifikanti dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar iċċertifikati. Din l-informazzjoni pubblika jenħtieġ li tinkludi mill-inqas

-) id-deskrizzjoni tat-ToE;
-) ir-referenza għall-kriterji approvati applikati għat-ToE speċifika;
-) il-metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-kriterji (evalwazzjoni fuq il-post, dokumentazzjoni, eċċ.); u
-) l-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat; kif ukoll
-) jenħtieġ li tippermetti komparabbiltà tar-riżultati għall-awtoritajiet superviżorji u għall-pubbliku.

6 GWIDA GĦAD-DEFINIZZJONI TAL-KRITERJI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

67. Il-kriterji taċ-čertifikkazzjoni huma parti integrali minn mekkaniżmu ta' čertifikkazzjoni. Il-proċedura ta' čertifikkazzjoni tinkludi r-rekwiżiti ta' kif, minn min, sa liema punt u l-granularità tal-valutazzjoni li għandha sseħħ fi proġetti ta' čertifikkazzjoni individwali dwar għan jew mira ta' evalwazzjoni (ToE) speċifiċi. Il-kriterji taċ-čertifikkazzjoni jipprovdu r-rekwiżiti nominali li abbażi tagħhom tiġi vvalutata l-operazzjoni ta' pproċessar attwali ddefinita fit-ToE. Dawn il-linji gwida għad-definizzjoni ta' kriterji taċ-čertifikkazzjoni jipprovdu pariri ġeneriċi li se jiffaċilitaw il-valutazzjoni tal-kriterji taċ-čertifikkazzjoni għall-fini ta' approvazzjoni.

-) Jenħtieġ li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ġenerali li ġejjin meta jiġu approvati jew iddefiniti l-kriterji taċ-čertifikkazzjoni. Il-kriterji taċ-čertifikkazzjoni jenħtieġ li:
 -) ikunu uniformi u verifikabbli,
 -) isir ilhom awditu sabiex tiġi ffaċilitata l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' pproċessar skont il-GDPR, billi jiġu speċifikati b'mod partikolari, l-oġettivi u l-gwida ta' implimentazzjoni biex jintlaħqu dawk l-oġettivi;
 -) ikunu rilevanti fir-rigward tal-udjenza fil-mira (pereżempju B2B, business-to-business) u negozju għall-konsumatur (B2C, business to customer);
 -) iqisu u fejn xieraq ikunu interoperabbli ma' standards oħra (bħall-istandards ISO, standards ta' livell nazzjonali); u
 -) jkunu flessibbli u skalabbli għall-applikazzjoni għal tipi u daqsijiet differenti ta' organizzazzjonijiet inklużi l-intrapriżi żgħira u medji skont l-Artikolu 42(1) u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju skont il-Premessa 77.

68. Kumpanija lokali żgħira, bħal bejjieġh bl-imnut, normalment twettaq operazzjonijiet ta' pproċessar inqas kumplessi minn bejjieġh bl-imnut multinazzjonali kbir. Filwaqt li r-rekwiżiti għal-legalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar huma l-istess, iridu jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni tal-ipproċessar tad-*data* u l-kumplessità tiegħu; minn dan isegwi li hemm ħtieġa li l-mekkaniżmi ta' čertifikkazzjoni u l-kriterji tagħhom ikunu skalabbli skont l-attività ta' pproċessar inkwistjoni.

6.1 Standards eżistenti

69. Il-korpi taċ-čertifikkazzjoni jeħtieġ li jikkunsidraw kif il-kriterji speċifiċi jqisu l-istrumenti rilevanti eżistenti, bħall-Kodiċi ta' Kondotta, standards tekniċi jew inizjattivi regolatorji u legali nazzjonali. Idealment, il-kriterji se jkunu interoperabbli mal-istandards eżistenti li jistgħu jgħinu lil kontrollur jew proċessur jissodisfa l-obbligi tiegħu skont il-GDPR. Madankollu, filwaqt li l-istandards tal-industrija spiss jiffokaw fuq il-protezzjoni u s-sigurtà tal-organizzazzjoni kontra theddidiet, il-GDPR huwa mmirat lejn il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' persuni fiżiċi. Din il-perspettiva differenti għandha titqies meta jitfasslu l-

kriterji jew jiġu approvati l-kriterji jew il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni abbażi tal-istandards tal-industrija.

6.2 Id-definizzjoni tal-kriterji

70. Il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jridu jikkorrispondu mad-dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni (messaġġ jew pretensjoni) ta' mekkaniżmu jew skema ta' ċertifikazzjoni kif ukoll jaqblu mal-aspettattivi li dawn jippreżentaw. L-isem ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni diġà jista' jidentifika l-kamp ta' applikazzjoni u se jkollu konsegwenzi għad-determinazzjoni tal-kriterji.

71. [Eżempju 3]

Mekkaniżmu magħruf bħala "HealthPrivacyMark" jenħtieġ li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għas-settur tas-saħħa. L-isem tas-siġill iqajjem l-aspettattiva li r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* b'rabta mad-*data* dwar is-saħħa ġew eżaminati. Għaldaqstant, il-kriterji ta' dan il-mekkaniżmu jridu jkunu adegwati għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* f'dan is-settur.

72. [Eżempju 4]

Mekkaniżmu li jirrelata maċ-ċertifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li jinkludu sistemi ta' governanza fl-ipproċessar tad-*data* jenħtieġ li jidentifika kriterji li jippermettu r-rikonossiment u l-valutazzjoni tal-proċessi ta' governanza u l-miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sostenn tiegħu.

73. [Eżempju 5]

Il-kriterji għal mekkaniżmu li jirrelata mal-cloud computing jeħtieġ li jqisu r-rekwiżiti tekniċi speċjali meħtieġa għall-użu ta' servizzi bbażati fuq cloud. Pereżempju, jekk is-servers jintużaw barra l-UE, il-kriterji jridu jieħu inkonsiderazzjoni l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu V tal-GDPR fir-rigward tat-trasferimenti tad-*data* lejn pajjiżi terzi.

74. Il-kriterji mfassla biex jissodisfaw it-ToEs differenti f'setturi u/jew Stati Membri differenti jenħtieġ li: jippermettu applikazzjoni għal xenarji differenti; jippermettu identifikazzjoni tal-miżuri adegwati biex jissodisfaw l-operazzjonijiet ta' pproċessar żgħar, medji jew kbar u jirriflettu r-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi skont il-GDPR. Konsegwentement, il-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni (pereżempju għal dokumentazzjoni, ittestjar, jew metodu ta' evalwazzjoni u profondità) li jikkomplementaw il-kriterji jridu jwieġbu għal dawn il-ħtiġijiet u jippermettu u jkollhom regoli fis-seħħ, pereżempju biex japplikaw il-kriterji rilevanti fi proġetti ta' ċertifikazzjoni individwali. Il-kriterji għandhom jiffaċilitaw valutazzjoni dwar jekk ġewx ipprovduti biżżejjed garanziji għall-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa.

6.3 Il-perjodu tal-kriterji taċ-ċertifikazzjoni

75. Għalkemm il-kriterji taċ-ċertifikazzjoni jridu jkunu affidabbli maż-żmien, dawn jenħtieġ li ma jibqgħux dejjem l-istess. Dawn għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni meta:

-) il-qafas legali jiġi emendat;
-) it-termini u d-dispożizzjonijiet jiġu interpretati minn sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea; jew
-) l-istat tekniku tal-arti jkun evolva.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

(Andrea Jelinek)

ANNES 1: KOMPITI U SETGĦAT TAL-AWTORITAJIET SUPERVIŻORJI B'RABTA MAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI SKONT IL-GDPR

	Provvedimenti	Rekwiżiti
Kompiti	Artikolu 43(6)	Jirrikjedi li l-awtorità superviżorja tippubblika l-kriterji msemmija fl-Artikolu 42(5) f'forma li tkun faċilment aċċessibbli u tittrażmettithom lill-Bord.
	Artikolu 57(1)(n)	Jesiġi li l-awtorità superviżorja tapprova l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(5).
	Artikolu 57(1)(o)	Jipprevedi li fejn xieraq (jiġifieri fejn hija toħroġ ċertifikazzjoni), hija għandha twettaq rieżami perjodiku taċ-ċertifikazzjoni maħruġ skont l-Artikolu 42(7).
	Artikolu 64(1)(c)	Jesiġi li l-awtorità superviżorja tikkomunika l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Bord, meta jkollha l-għan li tapprova l-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 42(5).
Setgħat	Artikolu 58(1)(c)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li twettaq rieżami taċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(7);
	Artikolu 58(2)(h)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li tirtira jew tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex jirtira ċ-ċertifikazzjoni jew tordna lill-korp taċ-ċertifikazzjoni biex ma joħroġx iċ-ċertifikazzjoni.
	Artikolu 58(3)(e)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li takkredita korpi taċ-ċertifikazzjoni
	Artikolu 58(3)(f)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li toħroġ ċertifikazzjoni u tapprova kriterji taċ-ċertifikazzjoni.
	Artikolu 58(3)(e)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li takkredita korpi taċ-ċertifikazzjoni.
	Artikolu 58(3)(f)	Jipprevedi li l-awtorità superviżorja għandha s-setgħa li toħroġ ċertifikazzjoni u tapprova kriterji taċ-ċertifikazzjoni.

ANNES 2

1 INTRODUZZJONI

L-Anness 2 jipprovdli gwida għal rieżami u valutazzjoni tal-kriterji ta' ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42(5). Jidentifika s-suġġetti li l-awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-*data* u l-BEPD se jikkunsidraw u japplikaw bl-għan li jiġu approvati l-kriterji ta' ċertifikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu kkunsidrati mill-korpi ta' ċertifikazzjoni u mis-sidien tal-iskema li jixtiequ jabbozzaw u jippreżentaw il-kriterji għall-approvazzjoni. Il-lista mhijiex eżawrjenti, iżda tippreżenta t-temi minimi li jridu jiġu kkunsidrati. Mhux il-mistoqsijiet kollha se jkunu applikabbli; madankollu, jenħteġ li jiġu kkunsidrati meta jitfasslu l-kriterji, u jista' jkun hemm bżonn ta' raġunament biex jiġi spjegat għaliex il-kriterji ma jkoprux aspetti speċifiċi. Xi mistoqsijiet huma ripetuti, peress li huma minn perspettivi differenti. Din il-gwida jenħteġ li tiġi kkunsidrata skont ir-rekwiżiti legali previsti mill-GDPR u, fejn applikabbli, mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2 KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-MEKKANIŻMU TA' ĊERTIFIKAZZJONI U L-MIRA TA' EVALWAZZJONI (TOE)

- a. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni (li għalih għandhom jintużaw il-kriterji tal-protezzjoni tad-*data*) huwa deskritt b'mod ċar?
- b. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni huwa sinifikattiv għall-udjenza indirizzata tiegħu u mhuwiex qarrieqi?
 - *Eżempju: Is-“Siġill għall-Kumpanija ta' Fiduċja” iwassal biex wieħed jaħseb li l-attivitajiet ta' pproċessar ta' kumpanija sħiħa jkunu ġew awditjati, anki jekk l-operazzjonijiet speċifikati ta' pproċessar biss, bħal pereż. il-proċess ta' pagament online, ikunu fil-fatt soġġetti għal ċertifikazzjoni. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni huwa qarrieqi.*
- c. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jirrifletti l-aspetti rilevanti kollha tal-operazzjonijiet ta' pproċessar?
 - *Eżempju: Il-“Marka għall-privatezza fil-Qasam tas-Saħħa” trid tinkludi d-data ta' evalwazzjoni kollha dwar is-saħħa sabiex jiġu indirizzati r-rekwiżiti skont l-Artikolu 9.*
- d. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, jippermetti ċertifikazzjoni sinifikattiva tal-protezzjoni tad-*data* filwaqt li jqis in-natura, il-kontenut, ir-riskju tal-operazzjonijiet ta' pproċessar relatati?
 - *Eżempju: Jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jiffoka biss fuq aspetti speċifiċi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, bħall-ġbir ta' data, iżda mhux fuq operazzjonijiet ta' pproċessar ulterjuri, bħall-ipproċessar għall-fini li jinħolqu profili ta' reklamar jew il-ġestjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data, ma jkunx sinifikanti għas-suġġetti tad-data.*
- e. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, jkopri l-ipproċessar tad-*data* personali fil-pajjiż rilevanti tal-applikazzjoni jew jindirizza l-ipproċessar u/jew it-trasferimenti transfruntiera?
- f. Il-kriterji ta' ċertifikazzjoni, jiddeskrivu b'mod suffiċjenti kif għandha tiġi ddefinita t-ToE?

- *Eżempju: Is-“Siġill tal-Privatezza” li joffri kamp ta’ applikazzjoni ġenerali u li jeħtieġ biss “speċifikazzjoni tal-ipproċessar li jkun suġġett għal ċertifikazzjoni” ma jipprovdix gwida ċara biżżejjed dwar kif tiġi stabbilita u deskritta ToE.*
- *Eżempju: Il-kriterji ta’ kamp ta’ applikazzjoni (speċifiku) ta’ “Siġill għal kmamar tas-sigurtà diġitali”, li jindirizzaw il-ħżin sigur jenħtieġ li jiddeskrivu fid-dettall ir-rekwiżiti biex jintlaħaq dan il-kamp ta’ applikazzjoni, pereżempju d-definizzjoni ta’ kamra tas-sigurtà, ir-rekwiżiti tas-sistema, il-miżuri tekniċi u organizzattivi obbligatorji (TOMs, technical and organisational measures). F’dan il-każ, il-kamp ta’ applikazzjoni, jista’ jiddefinixxi b’mod ċar it-ToE.*
 - (1) Il-kriterji jirrikjedu li ToE tkun tinkludi l-identifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta’ pproċessar rilevanti kollha, turi l-flussi tad-data u tiddetermina l-qasam ta’ applikazzjoni ta’ ToE?
 - o *Eżempju: Mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni joffri ċertifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta’ pproċessar ta’ kontrolluri skont il-GDPR mingħajr ma jispeċifika aktar il-qasam ta’ applikazzjoni (il-kamp ta’ applikazzjoni ġenerali). Il-kriterji użati mill-mekkaniżmu jirrikjedu li l-kontrollur applikant jiddetermina l-operazzjoni ta’ pproċessar fil-mira (ToE) f’termini ta’ tipi ta’ data, sistemi u proċeduri użati.*
 - (2) Il-kriterji jirrikjedu li l-applikant jagħmilha ċara minn fejn jibda u fejn jispiċċa l-ipproċessar li huwa soġġett għall-evalwazzjoni? Il-kriterji jirrikjedu li ToE tkun tinkludi interfaċċji fejn l-operazzjonijiet ta’ pproċessar interdipendenti ma jkunux inklużi bħala parti mit-ToE? U dan huwa ġġustifikat b’mod sodisfaċenti?
 - o *Eżempju: ToE li tiddeskrivi f’dettall suffiċjenti l-operazzjoni ta’ pproċessar ta’ servizz ibbażat fuq l-internet li pereżempju jinkludi r-reġistrazzjoni tal-utenti, il-forniment ta’ servizz, il-ħruġ ta’ fatturi, ir-reġistrazzjoni ta’ indirizzi IP, interfaċċi għall-utenti u għal partijiet terzi u li jeskludi s-server hosting (madankollu jinkludi ftehimiet ta’ pproċessar u ta’ TOM).*

g. Il-kriterji jiggarantixxu li t-ToEs (indivdwal) huma komprensibbli għall-udjenza tagħhom, inklużi s-suġġetti tad-data fejn rilevanti?

3 REKWIŻITI ĠENERALI

- a. It-termini rilevanti użati fil-katalogu tal-kriterji (jiġifieri l-ġabra sħiħa ta’ kriterji ta’ ċertifikazzjoni), huma identifikati, spjegati u deskritti kollha?
- b. Ir-referenzi normattivi huma identifikati kollha?
- c. Il-kriterji, jinkludu d-definizzjoni tar-responsabbiltajiet, tal-proċeduri u tal-ipproċessar għall-protezzjoni tad-data koperti mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni?

4 OPERAZZJONI TA’ PPROĊESSAR, L-ARTIKOLU 42(1)

Fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni (ġenerali jew speċifiku), il-komponenti rilevanti kollha tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar (id-data, is-sistemi, u l-proċeduri) huma indirizzati mill-kriterji?

- a. Il-kriterji jirrikjedu identifikazzjoni tal-bażijiet legali validi tal-ipproċessar fir-rigward tat-ToE?

- b. Fir-rigward tat-ToE, il-kriterji jirrikonoxxu l-fażijiet rilevanti tal-ipproċessar u ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tad-*data*, inkluż it-tħassir u l-anonimizzazzjoni?
- c. Fir-rigward tat-ToE, il-kriterji jirrikjedu l-portabbiltà tad-*data*?
- d. Fir-rigward tat-ToE, il-kriterji jippermettu li jiġu identifikati u riflessi t-tipi speċjali tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, pereż. it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat, it-tfassil ta' profili?
- e. Fir-rigward tat-ToE, il-kriterji jippermettu l-identifikazzjoni ta' kategoriji speċjali ta' *data*?
- f. Il-kriterji jippermettu u jirrikjedu li jiġi vvalutat ir-riskju tal-operazzjonijiet individwali ta' pproċessar u l-ħtiġijiet ta' protezzjoni għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*?
- g. Il-kriterji jippermettu u jirrikjedu jittieħed kont adegwat tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi?

...

5 LEGALITÀ TAL-IPPROĊESSAR

- a. Il-kriterji jirrikjedu verifika tal-legalità tal-ipproċessar għal operazzjonijiet ta' pproċessar individwali fir-rigward tal-iskop u l-ħtieġa tal-ipproċessar?
- b. Il-kriterji jirrikjedu li jiġu ċċekkjati r-rekwiżiti kollha tal-bażi legali għal operazzjonijiet ta' pproċessar individwali?

6 PRINĊIPJI, L-ARTIKOLU 5

- a. Il-kriterji jindirizzaw b'mod adegwat il-prinċipji kollha għall-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 5?
- b. Il-kriterji jirrikjedu dimostrazzjoni ta' minimizzazzjoni tad-*data* għat-ToE individwali?

...

7 OBBLIGI ĠENERALI TAL-KONTROLLURI U TAL-PROĊESSURI

- a. Il-kriterji jirrikjedu prova ta' ftehimiet kuntrattwali bejn proċessuri u kontrolluri?
- b. Il-ftehimiet tal-proċessur u tal-kontrollur huma soġġetti għal evalwazzjoni?
- c. Il-kriterji jirriflettu l-obbligi tal-kontrollur skont il-Kapitolu IV?
- d. Il-kriterji jirrikjedu prova ta' rieżami u aġġornament tal-miżuri tekniċi u organizzattivi implimentati mill-kontrollur skont l-Artikolu 24(1)?
- e. Il-kriterji jivverifikaw li l-organizzazzjoni tkun ivvalutat jekk għandux jinħatar Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-*Data* (DPO, Data Protection Officer) kif jistipula l-Artikolu 37? Fejn rilevanti, id-DPO jissodisfa r-rekwiżiti skont l-Artikoli minn 37 sa 39?
- f. Il-kriterji jivverifikaw li r-rekords tal-ipproċessar tal-attivitajiet huma meħtieġa skont l-Artikolu 30(5) u li jindirizzaw b'mod xieraq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 30?

8 DRITTIJET TAS-SUĠĠETTI TAD-DATA

- a. Il-kriterji jindirizzaw b'mod adegwat id-dritt ta' suġġett tad-data għall-informazzjoni, u jirrikjedu li jiddaħħlu fis-seħħ il-miżuri rispettivi?
- b. Il-kriterji jirrikjedu li s-suġġetti tad-data jingħataw aċċess u kontroll adegwati jew aħjar għad-data tagħhom, inkluża l-portabbiltà tad-data?
- c. Il-kriterji jirrikjedu miżuri stabbiliti li jipprevedu l-possibbiltà ta' intervent fl-operazzjoni ta' pproċessar sabiex jiggarentixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data u jippermettu korrezzjonijiet, tħassir jew restrizzjonijiet?
- ...

9 RISKJI GĦAD-DRITTIJET U L-LIBERTAJET TA' PERSUNI FIŻIĊI

- a. Il-kriterji jippermettu u jirrikjedu l-valutazzjoni tar-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi?
- b. Il-kriterji jipprevedu jew jirrikjedu metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju rikonoxxuta? Jekk adegwata, hija proporzjonata?
- c. Il-kriterji jippermettu u jirrikjedu valutazzjoni tal-impatt għall-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi?
- d. Il-kriterji jirrikjedu konsultazzjoni minn qabel dwar ir-riskji li jkun fadal li ma jistgħux jiġu mitigati, abbażi tar-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data (DPIA, Data Protection Impact Assessment)?

10 MIŻURI TEKNIĊI U ORGANIZZATTIVI LI JIGGARANTIXXU L-PROTEZZJONI

- a. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jipprevedu l-kunfidenzjalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar?
- b. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jipprevedu l-integrità fl-operazzjonijiet ta' pproċessar?
- c. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jipprevedu d-disponibbiltà fl-operazzjonijiet ta' pproċessar?
- d. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri li jipprevedu t-trasparenza fl-operazzjonijiet ta' pproċessar fir-rigward ta':
- e. Obbligu ta' rendikont?
- f. Drittijiet tas-suġġetti tad-data?
- g. Valutazzjoni ta' operazzjonijiet ta' pproċessar individwali, pereż. għat-trasparenza algoritmika?
- h. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jiggarentixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-data, pereżempju l-kapaċità li tingħata informazzjoni, jew ta' portabbiltà tad-data?

- i. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi li jipprevedu l-possibbiltà ta' intervent fl-operazzjoni ta' pproċessar sabiex jiggarrantixxu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u jippermettu korrezzjonijiet, tħassir jew restrizzjonijiet?
- j. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri li jipprevedu l-possibbiltà ta' intervent fl-operazzjoni ta' pproċessar sabiex is-sistema jew il-proċess jiġu kkoreġuti b'software u iċċekkjati?
- k. Il-kriterji jirrikjedu l-applikazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi biex tiġi żgurata l-minimizzazzjoni tad-*data*, pereżempju, is-separazzjoni tad-*data* mis-suġġett tad-*data* jew li ma jibqax konness magħha, l-anonimizzazzjoni jew il-psewdonimizzazzjoni jew l-iżolament tas-sistemi tad-*data*?
- l. Il-kriterji jirrikjedu miżuri tekniċi biex tiġi implimentata l-protezzjoni tad-*data* b'mod awtomatiku?
- m. Il-kriterji jirrikjedu miżuri tekniċi u organizzattivi li jimplimentaw il-protezzjoni tad-*data* mit-tfassil, pereżempju sistema ta' ġestjoni għall-protezzjoni tad-*data* li turi, tinforma, tikkontrolla u tinforza r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*?
- n. Il-kriterji jirrikjedu miżuri tekniċi u organizzattivi li jimplimentaw taħriġ u edukazzjoni perjodiċi xierqa għall-persunal li jkollu aċċess permanenti jew regolari għad-*data* personali?
- o. Il-kriterji jirrikjedu miżuri għal rieżami?
- p. Il-kriterji jirrikjedu awtovalutazzjoni/awditu intern?
- q. Il-kriterji jirrikjedu miżuri biex jiġi żgurat li d-dmirijiet ta' notifika dwar il-ksur ta' *data* personali jitwettqu f'waqthom u fil-kamp ta' applikazzjoni xieraq?
- r. Il-kriterji jirrikjedu li l-proċeduri tal-ġestjoni tal-inċidenti jkunu fis-seħħ kif ukoll verifikati?
- s. Il-kriterji jirrikjedu l-monitoraġġ ta' kwistjonijiet ta' privatezza u teknoloġija li qed jevolvu u l-aġġornament tal-iskema kif meħtieġ?
- ...

11 KARATTERISTIĊI SPEĊJALI FAVOREVOLI OĦRA GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

- a. Il-kriterji jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' tekniki li jtejbju l-protezzjoni tad-*data*? Dan jista' jinkludi kriterji li jirrikjedu l-protezzjoni tad-*data* mtejbja billi jiġu eliminati jew imnaqqsa d-*data* personali u/jew ir-riskju tal-protezzjoni tad-*data*.
 - *Eżempju: Kriterji li jirrikjedu skonnessjoni tad-*data* msaħħa bl-użu tal-ġestjoni tal-identità ċċentrata fuq l-utent bħal pereżempju l-kredenzjali bbażati fuq l-attributi — (ABC, attribute based credentials) flok il-ġestjoni tal-identità bbażata fuq l-organizzazzjoni, dan ikun jirrifletti teknika li ttejjeb il-protezzjoni tad-*data*.*
- b. Il-kriterji jirrikjedu l-implimentazzjoni ta' kontrolli mtejbja għas-suġġetti tad-*data* li jiffaċilitaw l-awtodeterminazzjoni u l-għażla?
- ...

12 KRITERJI SABIEX TINTWERA L-EŻISTENZA TA' SALVAGWARDJI XIERQA GĦAT-TRASFERIMENT TA' DATA PERSONALI

Il-kriterji se jiġu indirizzati fil-linji gwida li ġejjin dwar l-Artikolu 42(2).

13 KRITERJI ADDIZZJONALI GĦAL SIĠILL EWROPEW GĦALL- PROTEZZJONI TAD-DATA

- a. Il-kriterji jipprevedu li jkopru l-Istati Membri kollha?
- b. Il-kriterji huma kapaċi jieħdu inkonsiderazzjoni l-liġi jew ix-xenarji tal-protezzjoni tad-*data* tal-Istati Membri?
- c. Il-kriterji jirrikjedu evalwazzjoni tat-ToE individwali fir-rigward tal-liġi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-*data* speċifika għas-settur?
- d. Il-kriterji jirrikjedu li l-kontrollur jew il-proċessur jipprovdi informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u lill-partijiet interessati fil-lingwi tal-Istati Membri
- e. Dwar l-ipproċessar/it-ToE?
- f. Id-dokumentazzjoni tal-ipproċessar/it-toe?
- g. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni?
- ...

14 EVALWAZZJONI ĠENERALI TAL-KRITERJI

- a. Il-kriterji jkopru kompletament il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni (jiġifieri kriterji komprensivi) biex jipprovdi garanziji suffiċjenti sabiex iċ-ċertifikazzjoni tkun affidabbli?
 - *Eżempju: Jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni jiffoka fuq l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* tas-saħħa, jenħtieġ li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tad-*data* billi jiġu definiti kriterji li jiżguraw, pereżempju, valutazzjoni fil-fond u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' privatezza mid-disinn u tal-privatezza prestabbilita.*
- b. Il-kriterji jikkorrispondu mad-daqs tal-operazzjoni ta' pproċessar li qed tiġi indirizzata mill-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni, mis-sensittività tal-informazzjoni u mir-riskju tal-ipproċessar?
- c. Il-kriterji jistgħu jtejbju l-konformità tal-protezzjoni tad-*data* min-naħa tal-kontrolluri u tal-proċessuri?
- d. Is-suġġetti tad-*data* se jibbenefikaw rigward id-drittijiet għall-informazzjoni tagħhom, inkluż l-isjegazzjoni tal-eżiti li s-suġġetti tad-*data* jkunu jixtiequ?